# BANDALORA ARTISTIKA U PREZZJUŻA

Minn ***Lawrence Bartolo***

Din is-sena il-partitarji ta' l-Għaqda Banda Żejtun ser jippreżentaw lill-Għaqda u lill-Każin Banda Żejtun, bandalora artistika u prezzjuża, kif jixraq lis-Soċjetà tagħna.

Kien għal bidu ta' l-1989 meta jien flimkien ma' Joe Abela u Anthony Delia, iddeċidejna li nħeġġu lill-membri u partitarji numerużi ta' l-Għaqda tagħna biex nirregalaw lill-Każin bandalora artistika. Konna nafu li deħlin għal biċċa xogħol iebsa iżda konna żguri li ser insibu l-għajnuna, għaliex konna nafu li din kienet ix-xewqa ta' bosta membri u ħbieb ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Konna nafu wkoll li n-nefqa kienet ser tkun kbira għax kulħadd xtaq li jkollna bandalora fl-aqwa tradizzjoni artistika, maħduma b'rakkmu tad-deheb bi kwarniċjun tal-fidda. Iżda konna lesti li nagħmlu kollox bil-qalb u kif jixraq.

Ridna disinn artistiku mill-aqwa. Għalhekk fittixna s-Surmast Toutsaint Busuttil, Żejtuni bħalna, biex nikkonsultaw dwar disinn addatat. Wara din l-ewwel konsultazzjoni u disinn preparattiv, ippreżentajna l-ewwel ideat lill-Kumitat u membri oħra ta' l-Għaqda u ddeċidejna fuq it-taqsim ġenerali li dehrilna li kien l-aktar addatat. Issa, li konna deċiżi x'ridna kien wasal il-mument li jsir id-disinn proprju li minn fuqu kellu jinħadem ix-xogħol tar-rakkmu bil-ħajt tad-deheb.




Trade Enquiries: 233909

# BANDALORA ARTISTIKA

Dan kien disinn ferm importanti għax minnu kien jiddependi id-dehra aħħarija tal-bandalora. Għal dan id-disinn l-għażla waqgħet fuq id-disinjatur is-Sur J. Treeby, disinjatur ta' esperjenza kbira f'dan ix-xogħol artistiku. Dan id-disinn kien lest sa' Awissu ta' l-1989.

Waqt li kien qed isir id-disinn konna qed infittxu l-persuna li kellha tagħmel ix-xogħol delikat tar-rakkmar bil-ħajt tad-deheb. Dan ix-xogħol jinħtieġ paċenzja kbira iżda aktar u aktar tħejjija artistika u taħriġ f'sengħa artiġjanali li f'pajjiżna qed dejjem tonqos. Dan kien xogħol artistiku ta' artiġjanat li tradizzjonalment kien, f'pajjiżna isir mis-sorijiet. Illum ftit fadal minn hu ppreparat b'mod professjonali għal dan ix-xogħol. Aħna konna xxurtjati li ftehmna mas-Sinjura Emmanuela Galea mill-Imqabba, li kienet daħlet għall-biċċa xogħol ferm iebsa tat-trasferiment tar-rakkmu bid-deheb tal-kanupew ta' l-artal maġġur tal-knisja taż-Żejtun. Konna wkoll rajna xogħol tar-rakkmu ta' Emmanuela Galea fil-knisja tar-Rabat, Malta. Wara li l-Kumitat kien sodisfatt li konna ser nafdaw ix-xogħol f'idejn tajba laqqajna lid-disinjatur J. Treeby ma' Emmanuela u hekk konna lesti biex jinbeda x-xogħol delikat tar-rakkmu. Dan inbeda f'Marzu ta' l-1990 u tlesta erbatax-il xahar wara, f'Mejju 1991. Kemm il-bellus aħmar kif ukoll l-ornamenti tad-ħjut tad-deheb, antaċċjoli u fjokki nxtraw minn Ruma.

Fl-istess żmien konna qed naħsbu biex jinbeda x-xogħol fuq il-kwarniċjun tal-fidda li miegħu ser tiddendel il-bandalora. Din hi sengħa oħra artiġjanali li f'pajjiżna hawn ftit min baqa' jaħdem fiha. Wara konsultazzjoni l-ftehim għal dan ix-xogħol sar mas-Sur John Bartolo arġentier mill-Isla. Id-disinn sar ukoll mis-Sur J. Treeby u s-Sur Bartolo beda x-xogħol ta' l-imartellar tal-fidda f'Diċembru tal-1991 u tlesta f'Mejju tal-1992. B'hekk ix-xogħol fuq il-bandalora issa hu komplut minn kollox.

Issa baqa' biss li nistennew it-18 ta' Ġunju ta' din is-sena, proprju fil-ġimgħa tal-festa, meta l-bandalora artistika ser tiġi ppreżentata lill-President ta' l-Għaqda tagħna, is-Sur Joe Attard, li ser jirċeviha għan-nom ta' l-Għaqda Banda Żejtun. Din ser tkun opra oħra li tagħmel ġieh lill-Għaqda Banda Żejtun u liż-Żwieten kollha. Bil-preżentazzjoni tal-bandalora fuq il-plančier artistiku tagħna, ser inwettqu ħolma oħra tagħna lkoll.

Kull pass 'il quddiem li tagħmel l-Għaqda tagħna dejjem sar bis-


**LEO**
**IRONMONGERY**

ALL KINDS OF PAINTS.
ELECTRICAL CABLES AND FITTINGS.
PLUMBING ACCESSORIES AND FITTINGS.
HOUSEHOLD GOODS.
FRAME MAKER.
BLACK & DECKER POWER TOOLS.
HIRE OF SCAFFOLDIND.
PLOT 106. GEBEL SAN MARTIN.
ZEJTUN.- Tel: 676493

**ROCKY'S**

*TAKE AWAY*
*CONFECTIONERY*
*PASTIZZERIA & PIZZA*

131, Main Street,
Zejtun
*(near Post Office)*

sagrifiċċji tal-membri u l-partitarji tagħna. Dan lilna jimliena b'aktar kuraġġ għaliex qatt ma straħna fuq ħadd, ħlief il-membri u l-ħbieb tagħna. L-għajnuna żgħira mill-ħafna ttina aktar saħħa. Minkejja li l-Għaqda Banda Żejtun għadha dieħla biss fis-sebgħin sena mit-twaqqif tagħha, tipposiedi mhux biss l-akbar każin u teatru fiż-Żejtun, iżda llum għandha wkoll uħud mill-isbaħ opri artistiċi li jeżistu fiż-Żejtun. Għalhekk għandna għax nifirħu u fl-istess waqt nintlew bin-nifs għall-ġejjieni. Irridu nkomplu naħdmu lkoll bħal familja waħda biex inkomplu ngħollu l-ġieh u nkattru x-xogħol b'riżq l-Banda Żejtun, il-Każin tagħna u ż-Żwieten kollha.

Minn qalbi u f'isem sħabi kollha nizzihajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tawna l-għajnuna tagħhom. L-għajnuna u l-ħeġġa tagħhom fissret kisba oħra artistika li żgur li ser tkun ta' unur għal kull min offra l-kontribut tiegħu biex titlesta opra li ssir aktar prezzjuża aktar ma jgerbu s-snin.



*Il-Warrington Youth Band waqt marċ fil-pjazza quddiem il-każin.*